



Kunsill Ewropew

Brussell, 23 ta' Marzu 2018
(OR. en)

EUCO XT 20001/18

BXT 25
CO EUR 5
CONCL 2

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Kunsill Ewropew (Art.50) (23 ta' Marzu 2018) - Linji gwida

Id-delegazzjonijiet¹ isibu meħmuża l-linji gwida adottati mill-Kunsill Ewropew (Art. 50) fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

¹ Wara n-notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li hienegħ m'għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew f'deċiżjonijiet li jikkonċernawh.

1. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil li ntlaħaq min-negozjaturi dwar partijiet mit-test legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li jkopru d-drittijiet taċ-ċittadini, is-saldu finanzjarju, għadd ta' kwistjonijiet oħra tal-ħruġ u t-tranżizzjoni. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li kwistjonijiet oħra għad irid jintlaħaq qbil dwarhom u jista' jsir progress fin-negozjati biss dment li l-impenji kollha meħuda s'issa jiġu rrispettati bis-sħiħ, u jilqa' f'dan ir-rigward l-assigurazzjonijiet bil-miktub tal-Prim Ministru May partikolarment fir-rigward tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq. Il-Kunsill Ewropew jappella għal sforzi intensifikati fuq il-kwistjonijiet ta' ħruġ li fadal kif ukoll kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni territorjali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, b'mod partikolari fir-rigward ta' Ġibiltà, u jtenni li ma jkun intlaħaq l-ebda qbil qabel ma jintlaħaq qbil fuq kolloxx.
2. Il-Kunsill Ewropew ifakkar u jikkonferma mill-ġdid il-linji gwida tiegħu tad-29 ta' April u l-15 ta' Diċembru 2017, li jkomplu japplikaw b'mod sħiħ u li l-prinċipji tagħhom ser ikollhom jiġu rrispettati mir-relazzjoni futura mar-Renju Unit. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tar-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-qafas tar-relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit.
3. Il-Kunsill Ewropew jiddikjara mill-ġdid id-determinazzjoni tal-Unjoni li jkollha sħubija kemm jista' jkun mill-qrib mar-Renju Unit fil-ġejjieni. Din is-sħubija għandha tkopri l-kummerċ u l-kooperazzjoni ekonomika kif ukoll oqsma oħrajn, b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità internazzjonali, kif ukoll is-sigurtà, id-difiża u l-politika barranija.
4. Fl-istess ħin, il-Kunsill Ewropew irid iqis il-pożizzjonijiet li r-Renju Unit iddikjara kemm-il darba, li jillimitaw il-profondità ta' din is-sħubija futura. Li jkun barra mill-Unjoni Doganali u s-Suq Uniku inevitabbilment ser iwassal għal xkiel fil-kummerċ. Id-diverġenza fit-tariffi esterni u r-regoli interni kif ukoll in-nuqqas ta' istituzzjonijiet komuni u sistema legali komuni jitolbu verifiki u kontrolli biex tinżamm l-integrità tas-Suq Uniku tal-UE kif ukoll tas-suq tar-Renju Unit. Sfortunatament dan ser ikollu konsegwenzi ekonomiċi negattivi, partikolarment fir-Renju Unit.

5. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistipula l-linji gwida li ġejjin bil-ħsieb li jinfetħu n-negozjati dwar il-qbil ġenerali tal-qafas għar-relazzjoni futura, li ser jiġi elaborat f'dikjarazzjoni politika li takkumpanja l-Ftehim dwar il-Ħruġ u jissemma fih.
6. L-approċċ indikat hawn taħt jirrifletti l-livell tad-drittijiet u l-obbligi kompatibbli mal-pożizzjonijiet iddikjarati mir-Renju Unit. Jekk dawn il-pożizzjonijiet jevolvu, l-Unjoni ser tkun lesta tikkunsidra mill-ġdid l-offerta tagħha f'konformità mal-prinċipji ddikjarati fil-linji gwida tad-29 ta' April u tal-15 ta' Diċembru 2017, kif ukoll f'dawn il-linji gwida.
7. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew itenni b'mod partikolari li kwalunkwe ftehim mar-Renju Unit ser ikollu jiġi bbażat fuq bilanċ ta' drittijiet u obbligi, u jiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti. Pajjiż li mhuwiex membru tal-Unjoni, li ma għandux l-istess obbligi ta' membru, ma jistax ikollu l-istess drittijiet u jgawdi mill-istess benefiċċji ta' membru.

Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-erba' libertajiet ma jistgħux jinqasmu u li wieħed ma jistax joqgħod jagħżel biss dak li jaqbilla permezz ta' parteċipazzjoni fis-Suq Uniku bbażata fuq approċċ skont is-settur, li jdgħajfef l-integrità u l-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku.

Il-Kunsill Ewropew itenni wkoll li l-Unjoni ser tippreserva l-awtonomija tagħha fir-rigward tat-teħid ta' deċiżjonijiet, li jeskludi l-parteeipazzjoni tar-Renju Unit bħala pajjiż terz fl-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-parteeipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea wkoll ser jiġi rrispettat b'mod sħiħ.

8. F'dak li għandu x'jaqsam mal-qalba tar-relazzjoni ekonomika, il-Kunsill Ewropew jikkonferma li hu jinsab lest biex jibda l-ħidma għal ftehim ta' kummerċ ħieles bilanċjat, ambizzjuż u estensiv sakemm ikun hemm biżżejjed garanziji għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Dan il-ftehim ser jiġi finalizzat u konkluż ladarba r-Renju Unit ma jkunx għadu Stat Membru. Ftehim bħal dan, madankollu, ma jistax joffri l-istess benefiċċji bħal Sħubija u ma jistax jammonta għal parteċipazzjoni sħiħa jew parzjali fis-Suq Uniku. Dan il-ftehim ikun jindirizza:

- i) kummerċ fil-prodotti, bil-għan li jkopri s-setturi kollha u li jfittex li ma jkun hemmx tariffi u lanqas restrizzjonijiet kwantitattivi filwaqt li jkun hemm regoli xierqa dwar l-oriġini.

F'dan il-kuntest ġenerali tal-ftehim ta' kummerċ ħieles, għandu jinżamm l-aċċess reċiproku eżistenti għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd;

- ii) kooperazzjoni doganali xierqa, li tippreserva l-awtonomija regolatorja u ġurisdizzjonali tal-partijiet u l-integrità tal-Unjoni Doganali tal-UE;
- iii) dixxiplini dwar l-ostakli tekniċi għall-kummerċ u miżuri sanitarji u fitosanitarji;
- iv) qafas għal kooperazzjoni regolatorja volontarja;
- v) kummerċ fis-servizzi, bil-għan li l-aċċess għas-suq ikun jista' jipprovdi servizzi skont ir-regoli tal-istat ospitanti, fost l-oħrajn fir-rigward tad-dritt tal-istabbiliment għall-fornituri, sa punt konsistenti mal-fatt li r-Renju Unit ser isir pajjiż terz u li l-Unjoni u r-Renju Unit mhux ser jibqgħu jikkondividu qafas komuni regolatorju, superviżorju, ġudizzjarju u tal-infurzar;
- vi) aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku, tal-investimenti u tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, inkluż l-indikazzjonijiet ġeografiċi, u oqsma oħra ta' interess għall-Unjoni.

- 9. Is-sħubija futura għandha tindirizza sfidi globali, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll it-tniġġis transfruntier, fejn l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom ikomplu l-kooperazzjoni mill-qrib.

10. Is-sħubija futura għandha tinkludi dispożizzjonijiet ambizzjużi dwar il-moviment ta' persuni fiżiċi, ibbażati fuq ir-reċiproċità u n-nondiskriminazzjoni shiġha bejn l-Istati Membri, u oqsma relatati bħall-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali. F'dan il-kuntest, l-opzjonijiet għal kooperazzjoni għudizzjarja fir-rigward ta' responsabbiltà matrimonjali, tal-ġenituri u oqsma oħra relatati jistgħu jiġu esplorati, filwaqt li jittieħed kont li r-Renju Unit ser ikun pajjiż terz barra Schengen u li t-tali kooperazzjoni tkun teħtieġ salvagwardji b'saħħithom biex jiġi żgurat ir-rispett shiġh tad-drittijiet fundamentali.
11. F'termini ta' kooperazzjoni soċjoekonomika, jistgħu jiġu previsti dawn li ġejjin:
 - i) fir-rigward tas-servizzi tat-trasport, l-għan għandu jkun li tiġi żgurata konnettività kontinwa bejn ir-Renju Unit u l-UE wara l-ħruġ tar-Renju Unit. Dan ikun jista' jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta' ftehim dwar it-trasport bl-ajru, flimkien ma' ftehimiet dwar is-sikurezza u s-sigurtà tal-avjazzjoni, kif ukoll ftehimiet dwar modi oħra ta' trasport, filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti b'saħħithom f'setturi kompetittivi ħafna;
 - ii) fir-rigward ta' ċerti programmi tal-Unjoni, pereżempju fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, u tal-edukazzjoni u l-kultura, kwalunkwe parteċipazzjoni tar-Renju Unit għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet rilevanti għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu stabbiliti fil-programmi korrispondenti.
12. Minħabba l-viċinanza ġeografika u l-interdipendenza ekonomika tar-Renju Unit mal-UE27, ir-relazzjoni futura tista' biss tagħti riżultati b'mod reċiprokament sodisfaċenti jekk hija tinkludi garanziji sodi li jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti. L-għan għandu jkun li jiġi prekluż vantaġġ kompetittiv inġust li r-Renju Unit jista' jgawdi minnu billi jdgħajjef il-livelli ta' protezzjoni fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-miżuri u l-prattiki fiskali, soċjali, ambjentali u regolatorji, kif ukoll fl-oqsma tal-kompetizzjoni u l-ġhajjnuna mill-Istat. Dan ser jirrikjedi taħlita ta' regoli sostantivi allinjati mal-istandards tal-UE u daww internazzjonali, mekkaniżmi adegwati biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva fil-livell domestiku, mekkaniżmi ta' infurzar u għas-soluzzjoni ta' tilwim fil-ftehim kif ukoll rimedji awtonomi tal-Unjoni, li jkunu kollha proporzjonati mal-livell u l-firxa tal-konnettività ekonomika bejn l-UE u r-Renju Unit.

Kwalunkwe qafas futur għandu jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni u r-rispett tar-reġim u l-istandards regolatorji u superviżorji tagħha u l-applikazzjoni tagħhom.

13. F'oqsma oħra għajr il-kummerċ u l-kooperazzjoni ekonomika, fejn l-Unjoni diġà indikat li hija lesta tistabbilixxi sħubijiet speċifiċi, il-Kunsill Ewropew iqis li:
- i) l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali għandha tikkostitwixxi element importanti fir-relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit fid-dawl tal-viċinanza ġeografika u t-theddid komuni li jiffaċċjaw l-Unjoni u r-Renju Unit, waqt li jittieħed kont tal-fatt li r-Renju Unit ser ikun pajjiż terz barra Schengen. Is-sħubija futura għandha tkopri skambji effettivi ta' informazzjoni, appoġġ għall-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Ser ikun meħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji sodi li jiżguraw ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u mekkaniżmi effettivi ta' infurzar u għas-soluzzjoni tat-tilwim;
 - ii) fid-dawl tal-valuri kondiviżi u l-isfidi komuni tagħna, għandu jkun hemm kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-UE u r-Renju Unit fl-oqsma tal-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża. Sħubija futura għandha tirrispetta l-awtonomija tal-Unjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet, filwaqt li tiegħu kont li r-Renju Unit ser ikun pajjiż terz, u tipprevedi djalogu, konsultazzjoni, koordinazzjoni, skambju ta' informazzjoni, u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni adegwati. Bħala prerekwiżit għall-iskambju ta' informazzjoni fil-qafas ta' tali kooperazzjoni għandu jiġi stabbilit Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Infurmazzjoni.
14. Fid-dawl tal-importanza tal-flussi ta' data f'diversi komponenti tar-relazzjoni futura, dan għandu jinkludi regoli dwar id-data. Fir-rigward ta' data personali, il-protezzjoni għandha tiġi rregolata mir-regoli tal-Unjoni dwar l-adeqwatezza bil-ħsieb li jiġi żgurat livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak tal-Unjoni.

15. Ser ikun meħtieġ li l-governanza tar-relazzjoni futura tagħna mar-Renju Unit tindirizza mekkaniżmi għall-ġestjoni u s-superviżjoni, għas-soluzzjoni ta' tilwim u għall-infurzar, inkluż sanzjonijiet u mekkaniżmi ta' kontroritaljazzjoni. It-tfassil tal-governanza ġenerali tar-relazzjoni futura ser jirrikjedi li jittieħed kont ta':
- i) il-kontenut u l-livell tar-relazzjoni futura;
 - ii) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività u ċ-ċertezza legali;
 - iii) ir-rekwiżiti tal-awtonomija tal-ordni legali tal-UE, inkluż ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari kif ġew żviluppati fil-ġurisprudenza.
16. Il-Kunsill Ewropew, bl-appoġġ tal-Kunsill, ser ikompli jsegwi n-negozjati mill-qrib, fl-aspetti kollha tagħhom, u ser jerġa' lura b'mod partikolari għall-kwistjonijiet ta' ħruġ li fadal u għall-qafas tar-relazzjoni futura fil-laqgħa tiegħu f'Ġunju. Sadanittant, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Istati Membri biex ikomplu jaħdmu fuq it-tnejn, fil-livelli kollha, għall-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit, filwaqt li jieħdu kont tal-eżiti kollha possibbli.
-